**33. Il-Ministru għall-Politika Soċjali, l-Onor. Lawrence Gonzi ppropona illi:-**

Wara li l-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra ra l-*Ombudsplan* ippreżentat mill-*Ombudsman* għas-sena 1999 li kopja tagħha tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra fis-seduta tat-23 ta' Novembru 1998;

Wara li sema' l-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-*Ombudsman* personalment fuq il-kummenti kollha li sarulu fil-laqgħat ta' l-istess Kumitat li saret fit-30 ta' Novembru 1998;

Wara li t-traskrizzjoni ta' din il-laqgħa ġiet ċirkolata lill-Membri tal-Kamra tad-Deputati; u

Wara r-rakkomandazzjoni li saret mill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra;

Il-Kamra tad-Deputati tapprova l-*Ombudsplan* kif preżentat.

1.12.98